**ĦAL QORMI**
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 21 IL-ĠIMGĦA 14 TA' OTTUBRU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' **URĠENTI** nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (ĦDAX Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jerome Caruana Cilia, Renald Falzon, Robert Reno Cremona, Josef Aquilina, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**21/01/01 POŻIZZJONI TAL-KUNSILL DWAR PC 051/16 U PA5491/16**

**F'dan l-istadju l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia (fis-6.21pm) skuża ruħu mil-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol fejn stqarr li huwa xtaq jipparteċipa fid-diskussjoni iżda peress li l-laqgħa damet ma' bdiet minħabba l-indisponibbilta' tas-Segretarju Eżekuttiv kellha tibda tard.**

Is-Sindku Rosianne Cutajar fetħet id-diskussjoni billi fakkret li din il-laqgħa ssejħet b'mod urġenti peress li wara li l-Kunsill iltaqa' mal-applikant biex jingħata aktar informazzjoni dwar dan l-iżvilupp u peress li l-Kunsill jista' jressaq rappreżentazzjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar sal-21 ta' Ottubru kien jeħtieġ li l-Kunsill jieħu pożizzjoni.

Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-applikant wera li l-preokkupazzjonijiet prinċipali tal-Kunsill kienu qed jiġu indirizzati. Fil-fatt hija tat elenku ta' dawn il-preokkupazzjonijiet u r-risposti tal-applikant:

*Il-Perit tal-applikant spjega li qabel ma ġiet validated l-applikazzjoni, l-Awtorità tal-Ippjanar ġegħlet lil l-iżviluppatur jagħmel tħammil tal-post taħt is-superviżjoni tas-Sovratindenza. Dan l-eżerċizzju swiehom €350,000 u damu sitt xhur.*

*Skont ir-rapport tas-Sovratindenza instab li hemm cart ruts fil-parti t'isfel u pedamenti ta' Old Mill room eżatt fin-nofs tas-sit. Għaldaqstant ġegħlithom biex il-cart ruts jiġu kkonservati u jkunu esposti għall-pubbliku filwaqt li l-pedamenti tal-Old Mill room jiġu żżarmati u mpoġġiha fis-soft area ta' bejn is-sit tal-iżvilupp u l-junction.*

*Bħala traffiku, saru laqgħat ma' Transport Malta fejn ġie miftiehem biex Qormi Road titwessa' u jkollha żewġ lanes fuq kull naħa filwaqt li se jkun hemm service road tmiss magħha fejn dan jippermetti li karozzi jistgħu jidħlu għal dan is-sit minn hemm. Barra minn hekk se titwessa' wkoll it-triq li tinżel mal-Maltapost għaliex it-trasport pubbliku ħa jgħaddi minn hemm. Dan biex ir-roundabout ma jkollhiex impatt fuqha. Il-Perit spjega li permezz ta' dan l-proġett se jitnaqqas l-ammont ta' karozzi minn fuq il-junction. Dan peress li t-trasport pubbliku se jibda jgħaddi mit-triq ta' bejn is-sit tal-iżviluipp u l-Maltapost. Huwa kkalkulat li kull minuta tgħaddi xarabank fuq il-junction u permezz ta' dan il-proġett, t-trasport pubbliku mhux se jibqa' jgħaddi minn hemm kollu kemm hu.*

*L-iżviluppaturi saħqu li hu l-għan tagħhom li jindirizzaw t traffiku għax hu fl-interess tagħhom li n-nies ma jaqtgħux qalbhom biex imorru jixtru minn hemm.*

*Se jkun hemm żewg entrances u jekk ġej min-naħa ta' Qormi Road u trid tidhol fl istabbiliment m'għandekx għalfejn tinżel iddur mal-junction.*

*Fil-parti ta' Triq it-Tiġrija wkoll se jkollhom jirtiraw 'l ġewwa.*

*Il-Perit spjega li b'kollox minn art ta' 10600metru kwadru l-iżvilupp se jkun ta' 5500metru kwadru minħabba r-rekwiżiti tat-TM.*

*Se jkun hemm parkeġġ ta 400 karozza u mhux se jkun bi ħlas. Il perit spjega li peress li TM talbet li titwessa' t-triq, ir-razzett se jkollu jkun spustat. Is-Sovratindenza tat l-*

*approvazzjoni biex jiżżarma u jerġa' jinbena bl-istess ġebel aktar 'il ġewwa.*

*Il-Kunsill saqsa dwar jekk is-saqaf hux se jkun imsebbaħ b' landscaping. L-iżviluppatur wiegeb li f'dan l-istadju għadu kmieni imma lesti jikkunsidrawha.*

*Huwa maħsub li minn mindu joħorġu l-permessi l-proġett jieħu sentejn biex ikun lest.*

*Il-Perit spjega li l-Awtorità tal-Ippjanar tista' timponi planning gains u l-Kunsill jkun jista' jżomm taħditiet miftuħa dwar dan kif sar fil-Mosta.*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill jibgħat il-kummenti tiegħu lill-Awotorita' tal-Ippjanar billi jitlob li jiġu assigurati dawn il-punti:

1) Li l-iżvilupp ippropost ikollu l-barka tas-Sovratindenza tal-Patrimonju Nazzjonali peress li hija l-awtorita' kompetenti f'dan il-qasam tal-protezzjoni tal-wirt storiku f'pajjiżna;
2) Li Triq Qormi tiġi mwessgħa kif ppropost fl-applikazzjoni;
3) Li t-Trasport Pubbliku jgħaddi mit-triq li hemm bejn s-sit tal-iżvilupp u l-Maltapost;
4) Li jsir embellishment tas-saqaf tal-bini ppropost permezz ta' landscaping, liema bini m'għandux jaqbeż l-livell taċ-ċint ta' Triq Qormi;
5) Li ssir service road ġos-sit u d-dħul ikun minn Triq Qormi u minn Triq it-Tiġrija biex jonqos l-impatt tat-traffiku fuq l-junction;
6) Li l-parkeġġ taħt l-art ikun bla ħlas;
7) Li jsiru diskussjonijiet mal-Kunsill dwar *planning gains*.

**21/01/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irreferit ukoll għat-talba tal-Perit tal-Kunsill dwar jekk il-Kunsill jagħtihx il-permess li jagħmel it-Traffic Impact Assessment fuq proposta tal-applikant. Peress li huwa ta' vantaġġ li l-Kunsill ikollu l-perit tiegħu li jagħmel dan it-*Traffic Impact Assessment* għaliex jista' jressaq il-veduti tal-Kunsill fl-istess rapport, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda jżomm id-dritt li jekk l-Kunsill jidhirlu li jkun hemm xi punt ta' kontestazzjoni, il-Kunsill ikun jista' jqabbad perit ieħor biex iressaq din il-kontestazzjoni.

**21/02 TMIEM TAL-LAQGĦA**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **iffirmati** | **iffirmati** |
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum il-Ħamis, 3 ta' Novembru 2016.